# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 9.6

## Kap 9: Il-familja kbira tiegħi

## Lezzjoni 9.6: M'għamel xejn b'dak li kellu

## L-Għanijiet:




L-istudenti:

1. jirrevedu x'kienu l-parabboli.
2. jisimgħu l-Parabbola tat-Talenti.
3. iqabblu din il-parabbola mal-ħajja tagħhom.
4. jitgħallmu li huma għandhom jużaw it-talenti li Alla tahom biex jikbru huma u jkunu ta' ġid għal ħaddieħor.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Powerpoint presentation: It-Talenti
- Il-parabbola tat-Talenti (Mt. 25:14-30)

  http://www.youtube.com/watch?v=YNr9x7fAXRE

- Worksheet 9.6



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi turi l-ewwel slides tal-powerpoint presentation dwar it-talenti.
- Permezz ta' xi domandi ibni diskussjoni qasira mal-istudenti dwar it-talenti tagħhom.
- Staqsi:
  - *Min tana dawn it-talenti li għandna?*
  - *Għalfejn taħsbu li tahomlna?*



- *Fil-lezzjoni tal-lum ser nisimgħu u niddiskutu parabbola oħra ta' Ġesù dwar it-Talenti.*

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri l-videoclip dwar il-parabbola tat-Talenti u/jew aqra mill-Evanġelju ta' San Mattew Kap 25 Versi 14-30.

   http://www.youtube.com/watch?v=YNr9x7fAXRE



2. Wara li jisimgħu l-istorja, staqsihom:
   - *Għalfejn is-sinjur sejjaħ lill-qaddejja?*
   - *Kif qassamhomlhom il-flus? Skont il-ħila tagħhom.*
   - *X'għamlu dawk li kellhom 5 u 2 talenti?*
   - *Għaliex taħsbu li r-raġel ħeba t-talent li kellu?*
   - *X'għamel is-Sinjur meta ġie lura?*
   - *Għalfejn irrabja mal-qaddej li ħeba t-talent?*

3. Stieden l-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 9.6 u aqra s-silta mogħtija.
4. Iddiskuti l-istorja u agħti ħin lill-istudenti biex ipinġu l-istampa.
5. Spjega Attività 2 u ddiskuti bħala klassi din l-attività. Ħalli lit-tfal jesprimu u jniżżlu l-ħsibijiet tagħhom.
6. Asal għal Attività 3 u enfasizza l-importnaza li nifhmu li kulħadd għandu t-tajjeb u allura rridu napprezzaw lil xulxin.
7. Spiċċa l-lezzjoni billi t-tfal jagħmlu mima tal-parabbola tat-Talenti fil-klassi waqt li inti jew grupp ta' studenti jaqraw is-silta mill-Evanġelju ta' San Mattew Kap 25 Versi 14-30.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Parabbola oħra li qalilna Ġesù hija l-parabbola tat-talenti.
2. F'din il-parabbola naraw kemm hu sabiħ li aħna nużaw il-ħiliet u l-kwalitajiet sbieħ li Alla tana sabiex bihom inkunu nistgħu nikbru aħna u nkunu wkoll ta' għajnuna għal ħaddieħor.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal, fil-limitazzjonijiet tagħhom, jagħrfu u japprezzaw it-talenti tagħhom u jpoġġuhom għall-ġid tagħhom u tal-oħrajn.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Mima tal-parabbola tat-Talenti (Mt.25:14-30)
- Il-parabbola tat-Talenti (Mt. 25:14-30)

  http://www.youtube.com/watch?v=YNr9x7fAXRE



## Nitolbu



Mulej Ġesù, bil-parabbola tat-Talenti wrejtna kemm hu importanti li t-talenti li tajtna nużawhom għall-ġid tagħna u tal-oħrajn. Għinna ħalli fil-ħajja tagħna nħaddmu u niżviluppaw dawn it-talenti biex meta niltaqgħu miegħek inkunu nistgħu nuruk dak li konna kapaċi nagħmlu bihom.

Ammen.